**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 8/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**(Spettur Jessica Grima)**

**vs**

**Alanfouri Mohamad Nour**

**Radwan Hijazi**

**Franz Costa**

**Kirsten Mercieca**

Daniele Aquilina

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alanfouri Mohamad Nour, Radwan Hijazi, Franz Costa, Kirsten Mercieca u Danielle Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 568393M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Novembru, 2011, f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema valur ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Joseph Catania, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-vjolenza numerika;
2. Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat;
3. Aktar talli, fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu xi hsara, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Lil Daniele Aquilina wahdu;

4. Talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GQZ 064 Mitsubishi minghajr licenzja tas-sewqan, jew minghajr licenzja tas-sewqan valida mahruga mill-Awtorita' kompetenti;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

Lil Daniele Aquilina u Kirsten Mercieca

6. Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kissru xi kundizzjoni tal-Probation jew restrizzjoni imposta fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew, u Qorti Kriminali.

Fir-rigward ta' Daniele Aquilina wahdu;

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba li tikkunsidrah bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9;

Fir-rigward ta' Kirsten Mercieca wahdu;

8. Il-Qorti hija gentilment mitluba li tikkunsidrah bhala recediv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Dicembru, 2013 li biha wara li rat l-Artikolu 261(a)(b)(f), 262(b), 263(a), 270, 325(b) u 17 tal-Kap 9 fir-rigward ta' l-imputati kollha, l-Artikolu 49 u 50 tac-citat Kap 9 limitatament ghall-imputati Kirsten Mercieca u Daniele Aquilina, u fil-konfront ta' dan l-ahhar imputat ukoll l-Artikolu 289 tac-citat Kap 9, u l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u l-Artikolu 3(a) tal-Kap 104 fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom sabithom u iddikjarathom hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra kull wiehed minnhom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tordna li kull wiehed minnhom jitqieghed taht Ordni ta' servizz fil-komunita' u kull wiehed jaghmel xoghol bla hlas ta' mitt siegha. Applikat ukoll fil-konfront ta' l-imputati Kirsten Mercieca u Daniele Aquilina l-Artikolu 18 tac-citat Kap 446 u poggiethom taht il-harsien ta' ufficjal ta' probation ghal tlett snin mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2014, li pemrezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

**Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lil appellati imputati kollha hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontrihom;

**Tikkonfermaha** ukoll fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 ordnat li kull wiehed minnhom jitqieghed taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u kull wiehed jaghmel xoghol bla hlas ta' mitt (100) siegha;
**Tikkonfermaha** fejn applikat ukoll fil-konfront tal-imputati Kirsten Mercieca u Daniele Aquilina l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 u poggiethom taht il-harsien ta' ufficjal ta' probation ghal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza;
**Tbiddilha u tvarjaha** f'dik il-parti fejn sabet lil Daniele Aquilina hati taht l-Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok issib lill-istess Daniele Aquilina hati taht l-Artikoli 3(1), 3(2)(c)(ii) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li titlob li tingieb prova tal-valur tal-vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 064, tikkundanna lill-istess Daniele Aquilina, b'zieda mal-bqija tal-piena mposta fuqu skond hawn fuq, ghall-hlas ta' multa ekwivalenti ghall-valur tal-vettura msemmija u tordna wkoll li Daniele Aquilina jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mill-inqas tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Daniele Aqiuilina esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi f'dan l-appell, l-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata bil-gravami illi fil-konfront ta' Daniele Aquilina, erogat piena differenti minn dik kontemplata fil-ligi ghar-reat kommess. Dan l-aggravju jirrigwarda biss is-sejbien ta' htija fil-konfront tal-appellat Daniele

Aquilina kwantu il-hames imputazzjoni, dik ta' sewqan ta' vettura bil-mutur meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni;

2. Minn ezami tal-atti processwali jemergi illi fit-30 ta' Novembru, 2011, l-appellat, flimkien ma' ohrajn, tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex iwiegbu ghall-diversi reati. Daniele Aquilina wahdu kellu jwiegeb, *inter alia*, ghal-sewqan ta' vettura bil-mutur minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti. Fil-mori tal-kumpilazzjoni, wara d-deposizzjoni ta' certu Manwel Aquilina, iz-ziju ta' Daniele Aquilina fit-28 ta' Jannar, 2013, li fid-data tas-serqa in kwistjoni, n-neputi tieghu kien hadlu l-vann mikri lilu, l-Avukat Generali rrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati b'talba sabiex tizdied kontra Daniele Aquilina, l-imputazzjoni li kien qed isuq minghajr id-debita polza ta' assikurazzjoni

3. Dan ir-rinviju igib id-data tat-12 ta' Marzu, 2013. Fid-9 ta' Ottubru, 2013, il-Qorti laqghet it-talba u l-imputazzjonijiet kienu moqrija bil-gurament u rega sar l-ezami mill-gdid tal-imputati kif titlob il-ligi. F'dik l-istess udjenza l-imputati ammettew b'mod inkondizzjonat l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, inkluz allura Daniele Aquilina bl-imputazzjoni kif korretta. Fir-rinviju tat-12 ta' Marzu, 2013, l-Avukat kien talab li tizdied imputazzjoni "rilevanti ai termini tal-Artikolu 3(1) u 3(2)(c) tal-Kaptiolu 104. Iz-zieda awtorizzata mill-Qorti imbaghad saret taqra hekk: *"U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni."* [riproduzzjoni tat-test kif jidher fl-akkuza]. Din tipotizza r-reat ravvizat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104. Fir-rinviju tieghu, l-Avukat Generali kien talab ukoll li jkunu esebiti zewg sentenzi moghtija kontra Daniele Aquilina (prezumibilment dwar sewqan bla polza ta' assikruazzjoni kif ukoll li

tingieb prova tal-valur tal-vettura misjuqa (li kienet inkriet liz-ziju tieghu);

4. L-Avukat Generali talab li tingieb din il-prova ghaliex kellu f'mohhu il-piena konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija ta' persuna, ghat-tielet darba, ta' sewqan bla polza ta' assikurazzjoni, jigifieri l-iskwalifika tal-licenza ghal-perjodu mhux anqas minn tnax-il xahar u multa ekwivalenti l-valur tal-vettura misjuqa. L-artikolu 3(2) jipprovdi ghall-pieni applikabbli skond jekk il-hati jkunx hekk misjub ghall-ewwel, it-tieni jew it-tielet darba fejn fl-ahhar ipotesi japplika is-subinciz (c) li jipprovdi hekk: Fil-kaz tat-tielet reat jew aktar, multa ta' mhux anqas minn hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) izda ta' mhux izjed minn sitt elef, disa mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena, jew il-multa u l-prigunerija flimkien. Skond is-subinciz (ii), meta r-reat ikun kommess minn persuna li mhix sid il-vettura jew persuna msemmija fis-subinciz (i), bhal fil-kaz odjern, il-Qorti **ghandha**, b'zieda mal-pieni appena msemmija timponi multa ohra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur u dan oltre l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan msemmi fis-subinciz (2A);

5. L-Avukat Generali jikkontendi illi l-ewwel Qorti sabet lill-Daniele Aquilina hati bi ksur tal-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 104 meta dan l-artikolu huwa inezistenti. Teknikament l-Avukat Generali ghandu ragun ghaliex huwa l-artikolu 3(1) li jirraviza r-reat odjern. L-artikolu 3(1)(a) huwa l-piena erogabbli u naturalment tista' tinsab htija fl-artikolu li jipotizza r-reat u mhux fl-artikolu li jipprovdi ghall-piena. Minkejja dan, l-indikazzjoni tal-ewwel Qorti tal-artikolu 3(a) huwa *lapsus calami* li ma jgib ebda konsegwenza. Meta l-Qorti awtorizzat iz-zieda tal-imputazzjoni numru 5, certament irregistrat dak li talbet il-prosekuzzjoni meta effettivament rriproduciet ir-reat ravvizat fl-artikolu 3(1) u ghalhekk mhux korrett l-Avukat Generali meta jghid li l-ewwel Qorti riedet issib htija fl-artikolu 3(2)(c)(ii). Fl-appell deciz fid-

29 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Trevor Farrugia, kien ritenut illi "l-iskwalifika tas-sewqan mhix kwistjoni ta' htija izda kwistjoni ta' piena li neccessarjament issegwi s-sejbien ta' htija". Dan naturalment japplika ukoll ghall-piena tal-multa u in konkluzzjoni ghalhekk, l-appellat seta jinsab hati tas-sewqan bla polza u f'kaz li dik kienet it-tieni jew it-tielet darba allura l-piena erogabbli kellha tkun dik riprodotta *supra*;

6. Issa, fis-sottomissjonijiet tieghu, l-appellat Daniele Aquilina, jghid illi meta kienet awtorizzata iz-zieda ta' din l-imputazzjoni, l-azzjoni kienet preskritta anke jekk dan ma kienx sollevat quddiem l-ewwel Qorti. Tosserva din il-Qorti illi iz-zieda intalbet mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tat-12 ta' Marzu, 2013. L-imputazzjoni kif korretta inqrat mill-gdid fid-9 ta' Ottubru, 2013. Issa s-subinciz (3) tal-artikolu 3 tal-Kap 104 jirraviza s-segwenti:

> (3). Ghad illi f'ligijiet ohra jista' jkun hemm zmien stabbilit li fih ghandhom isiru proceduri quddiem qorti, il-procediment ghal reat taht dan l-artikolu jista jsir –
>
> (a) fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew
>
> (b) fi zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema zmien minnhom ikun l-itwal;

7. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi meta l-Pulizija interrogaw lill-komplici l-ohra kull wiehed minnhom irrilaxxja stqarrija bid-data tad-29.11.2011 fejn indikaw li kien Daniele Aquilina li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Din il-vettura kienet inkriet liz-ziju tal-istess Aquilina u dan kollu kien gia mgharuf lill-Pulizija meta fid-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Prosekutur xehed illi ix-xufier kien Daniele Aquilina (deposizzjoni tal-Ispettur Luke Bonello a fol 44 u 45). Meta l-Avukat Generali ghalhekk talab li tizdied l-imputazzjoni in mertu, kienu skorrew it-termini kollha ravvizati fis-subinciz (3). Issa l-appellat kien ammetta is-sewqan tieghu bla polza ta' assikurazzjoni

meta seta jeccepixxi dan il-perjodu ta' preskrizzjoni li certament ma kienx ikun hemm dubju li hu hekk. Irid jinghad ukoll illi l-Avukat Generali qieghed jitlob li ssir il-prova tal-valur tal-vettura sabiex il-ikun stabbilit x'ghandha tkun il-piena kominabbli minnn din il-Qorti. Haga din li neccessarjament ser tinoltra fi kwistjoni dwar il-preskrizzjoni tar-reat in dizamina. F'dan l-istadju, din il-Qorti thoss li jkun ingust illi tvarja s-sentenza appellata billi teroga dik il-piena ravvizata fil-ligi meta r-reat inniffsu kien preskritt kif intqal *supra;*

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.